**Minuti tal-454 laqgha tal-Kunsill li saret**
**nhar il-Hamis 24 ta' Settembru, 2015**

Il-laqgha bdiet fis-6.10 ta' filghaxija b'talba. Is-Sindku, is-Sur Marc Vella Bonnici, ppresieda l-laqgha.

Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu s-Sindku s-Sur Marc Vella Bonnici, il-Viċi-Sindku s-Sur Domenic Agius u l-Kunsillieri s-Sur Joseph Agius, is-Sur Mark Grech, is-Sur Joseph Bonnici, is-Sur Joseph Buttigieg, is-Sinjura Anna Calleja, is-Sur Joseph Agius (is-Sway) u s-Sur Brian Spiteri.

L-Ambaxxatriċi Lokali ghaż-Żghażagh is-Sinjorina Katrin Busuttil kienet preżenti.

Is-Sur John J Pace talab li jkun skużat milli jattendi ghal-laqgha tal-Kunsill peress illi kien qed jaqdi dmirijiet tal-Kunsill.

Is-Sur Joseph Vella wkoll talab li jiġi skużat milli jattendi ghal-laqgha tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mill-Viċi-Sindku s-Sur Domenic Agius, il-Kunsill qabel unanimament s-Sur John J Pace u s-Sur Joseph Vella jiġu skużati.

Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti

Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li l-minuti tal-453 laqgha jiġu unanimament approvati.

Item3 - Punti li johorġu mill-Minuti

Is-Sur Buttigieg staqsa meta kienu ser jinxtraw il-kotba ghal-librerija tal-iskejjel primarji ta' Haż-Żabbar. Is-Segretarju Eżekuttiv talab sabiex il-Kunsill jinghata lista tal-kotba li ser jinxtraw ghall-iskola liema spiża m'ghandhiex taqbeż il-€200.

Is-Sur Joseph Bonnici staqsa jekk id-delegazzjoni tal-Kunsill li marret Eschborn kinitx hejjiet ir-rapport lill-Kunsill dwar id-diskussjonijiet li saru f'din iż-żjara. Is-Sindku qal illi r-rapport kien ser jiġi ppreżentat f'laqgha ohra.

Item 4 - Qari tal-Minuti tas-Sotto-Kumitati

Inqraw il-minuti tas-Sotto-Kumitat tal-Edukazzjoni u Żgħażagħ. Dawn ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius.

Is-Sur Mark Grech qal illi fl-14, fis-17 u fit-18 t' Ottubru li ġej kienet ser issir l-attività pubblika li tfakkar l-erbgħin sena mill-waqgħa tal-ajruplan Vulcan f'Ħaż-Żabbar. Is-Sur Grech qal li minbarra l-membri parlamentari tad-distrett, l-għaqdiet u s-soċjetajiet, għal din l-attività kienu ser jiġu mistiedna c-*China Cultural Centre*, il-*British High Commission* u qraba tal-vittmi li mietu fil-waqgħa tal-Vulcan.

Il-minuti tas-67, tat-68, tad-69, tas-70 u tal-71 laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter ġew approvati unanimament fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg.

Item 5 – Korrispondenza

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-avukat tal-Kunsill kien lest li joffri l-parir tiegħu meta l-Kunsill jirċievi kawża mit-tribunal għal talbiet żgħar sabiex jiġu evitati spejjeż żejda. Fuq proposta tas-Sur Brian Spiteri li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament sabiex il-Kunsill jiltaqa' mal-avukat tal-Kunsill qabel ma jibdew il-proċessi tat-tribunal għal talbiet żgħar sabiex wieħed ikun jista' jara kemm huma l-ispejjeż relatati mal-kawżiet li jkollu l-Kunsill.

Inqrat ittra ta' ringrazzjament mibgħuta mid-delegazzjoni Ġermaniża għall-ospitalità li ngħatat fil-ġranet tal-festa.

Is-Sur Joseph Agius ressaq korrispondenza li kien irċieva mingħand is-Sur Holger Saliba dwar nuqqas ta' tindif ta' Sqaq Nru 1 fi Triq ix-Xgħajra. Is-Sindku qal illi kien iltaqa' mas-Sur Saliba u din il-problema kienet qiegħda tiġi ndirizzata.

Item 6- Xogħol tal-Kunsill

Skeda tal-Pagamenti

Fuq proposta tas-Sur Brian Spiteri li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' ħlasijiet mit-18 t' Awwissu 2015 sal-24 ta' Settembru 2015 li kien jammonta għal €42,659.69.

Is-Sur Joseph Agius (is-Sway) qal illi waqt laqgħa mal-Ispettur tal-Pulizija ġiet diskussa l-possibiltà li jitwaħħlu *bollards* sabiex tkun tista' tingħalaq it-triq matul attivitajiet tal-Kunsill biex b'hekk jiġu evitati spejjeż żejda relatata mal-ħlas tal-pulizija.

Is-Sur Joseph Buttigieg talab rendikont tal-ispejjeż relatati mal-attività tal-Kunsill 'Pjazza f'Pjazza'.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi żewġ *cameras* tar-ritratti u *voice recorder* proprjetà ta' Pjazza Teatru Rjal u li kienu qed jintużaw matul l-attività 'Pjazza f'Pjazza', ġew nieqsa mill-uffiċini tal-Kunsill u li dwar dan kien sar rapport fl-għassa ta' Ħaż-Żabbar dwar dan il-każ.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill approva unanimament il-*petty cash expenditure* għax-xahar t' Awwissu 2015 li kien jammonta għal €92.87.

Approvazzjoni tal-Pjan ta' Ħidma 2015 - 2017

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill il-Pjan ta' Ħidma għas-snin 2015 - 2017. Dan il-Pjan ta' Ħidma ġie approvat unanimament mill-Kunsill fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius.

Item 7 - Aġġudikazzjoni ta' offerti u deċiżjoni dwar il-kuntratti :

Servizz ta' Works Manager/Project Coordinator (ZLC 11/2013)

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-kuntratt li l-Kunsill għandu għas-servizz ta' *Works Manager / Project Coordinator* (ZLC 11/2013) kien ser jagħlaq fis-16 ta' Diċembru 2015 u l-Kunsill irid jiddeċiedi jekk iġġeddidx jew le dan il-kuntratt għal sena addizzjonali.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill qabel unanimament li jġedded dan il-kuntratt għal sena addizzjonali taħt l-istess rati u kundizzjonijiet.

Item 8 - Komunikazzjoni mis-Sindku u mill-Kunsillieri

Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi x-xogħol ta' *resurfacing* fi Triq il-Ġnien kien tlesta.

Is-Sur Joseph Agius staqsa jekk kinitx ġiet solvuta l-problema tal-ilma tax-xita li hemm fi Triq Bajada u Triq il-Ġnien. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-perit tal-Kunsill kienet tat struzzjonijiet lill-kuntrattur biex l-ilma tax-xita jinqasam fiż-żewġ toroq sabiex jiġi evitat kull inkonvenjent u ħsara għar-residenti.

Is-Sindku qal illi fil-ġranet li ġejjin kienet ser issir laqgħa bejn il-perit tal-Kunsill u l-kuntrattur tal-kumpanija *Road Maintenance Services Limited* sabiex ikun jista' jinbeda x-xogħol ta' titjib fi Ġnien il-Kunsill.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi fil-ġranet li ġejjin kienet ser tinħareġ sejħa oħra għall-offerti għal xiri ta' tagħmir għal Ġnien il-Kunsill.

Is-Sur Joseph Buttigieg talab sabiex l-irħama kommemorattiva li hemm imwaħħla mal-obelisk fi Ġnien il-Kunsill terġa' titwaħħal wara li jsir ix-xogħol ta' titjib fil-*playing field*.

Is-Sur Joseph Agius talab sabiex isir iktar infurzar lokali fi Ġnien il-Kunsill peress illi kien qed isir titjib fil-*playing field.*

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li ssir kampanja edukattiva f'Ħaż-Żabbar sabiex jonqos il-ħmieġ fil-lokalità.

Is-Sur Joseph Buttigieg semma l-bżonn li ssir laqgħa mal-kuntrattur tal-knis tat-toroq peress illi Triq il-Barumbara ma kienetx qed tinżamm nadifa.

Is-Sindku qal illi kellu laqgħa ta' konsultazzjoni mal-*Steering Committee* mill-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, Ambjent u Tibdil fil-Klima dwar il-Park Nazzjonali li ser isir fil-konfini ta' Ħaż-Żabbar. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li r-responsabilità tal-Park Nazzjonali għandha tkun marbuta mal-għoti ta' fondi addizzjonali mill-Gvern Ċentrali.

Is-Sur Joseph Buttigieg talab sabiex il-Kunsill jagħmel *floodlights* fuq iz-zuntier tal-kappella ta' Santa Marija peress illi kien tlesta ix-xogħol ta' restawr tal-faċċata tal-kappella. Is-Sur Buttigieg qal illi din it-talba kienet diġa ġiet deċiża f'laqgħa tal-Kunsill fis-snin preċedenti. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega kif il-Kunsill ma jistax iħallas għal xogħol li jsir fil-propjetà tal-knisja.

Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi issa li kienet qiegħda tiġi rranġata l-bankina ta' Triq tal-Labour mill-Ministeru għat-Trasport u Infrastruttura, kienet ser tinħoloq problema għall-vetturi li jipparkjaw mal-bankina. Dan peress illi fit-tarf tal-bankina kienet ser issir *soft area* u l-passiġġieri u s-sewwieqa li joħorġu mill-vettura tagħhom kienu ser jiġu fil-ħamrija. Is-Sur Buttigieg issuġġerixxa li ma ssirx ħamrija fit-tarf tal-bankina.

Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi meta kienu qed isiru x-xogħlijiet minn Transport Malta sabiex tiġi rranġata l-bankina fi Triq tal-Labour, inqala' *dustbin* tal-klieb u baqa' ma twaħħalx.

Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi kienu ġew irranġati s-*central strips* fi Triq Villabate faċċata ta' Triq Sant Antnin u kienu saru żewġ karreġġjati minflok karreġġjata waħda.

Is-Sur Joseph Buttigieg talab li jitwaħħlu tabelli tal-*one way* fi Triq Papa Piju V.

Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi fit-22 t'Ottubru, 2015 kien ser jorganizza attività għall-anzjani l-Qawra.

Is-Sur Joseph Buttigieg talab li jsiru *yellow brackets* quddiem il-garaxxijiet fi Triq il-Ġilbiena u sabiex isiru *double lines* fi Triq il-Ġilbiena kantuniera ma' Triq Santa Duminka.

Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi r-rotta numru 120 ma kinitx għada qed tgħaddi minn Triq San Leonardu.

Is-Sur Mark Grech qal illi r-rotta bin-numru 90 kienet ser tibda tghaddi minn Ħaż-Żabbar hekk kif jibdew r-rotot l-ġodda.

Is-Sinjura Anna Calleja talbet sabiex il-parkeġġ għall-mutur li hemm fi Triq il-Karmnu ma' Triq Lia u ma' Triq l-Iskola jinbidel f'parkeġġ għall-vetturi żgħar. Is-Sur Joseph Agius (is-Sway) qal illi l-parkeġġ li hemm tal-mutur mhux kbir biżżejjed għall-parkeġġ għall-vetturi.

Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet jekk Triq il-Kunvent kinitx ser tingħata t-tarmak. Is-Sindku qal illi mingħajr l-għajnuna tal-Gvern Ċentrali ma kienx ser ikun possibbli illi Triq il-Kunvent tingħata wiċċ ġdid minħabba nuqqas ta' fondi.

Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet jekk kienx ser isir il-*Christmas Village* f'Ħaż-Żabbar. Is-Sindku qal li ma kinitx ser issir l-attività li saret is-sena li għaddiet.

L-Ambaxxatriċi Lokali għaż-Żgħażagħ, is-Sinjorina Katrin Busuttil, qalet illi meta kienet qiegħda tiġi rranġata l-bankina ta' Triq tal-Labour mill-Ministeru għat-Trasport u Infrastruttura ntrema l-materjal fl-għelieqi tal-madwar.

L-Ambaxxatriċi Lokali għaż-Żgħażagħ, is-Sinjorina Katrin Busuttil, semmiet il-bżonn illi jsir tindif f'għalqa li hemm fi Triq l-Inkurunazzjoni.

L-Ambaxxatriċi Lokali għaż-Żgħażagħ, is-Sinjorina Katrin Busuttil, qalet il-Kunsill taż-Żgħażagħ kienu ser jissottomettu l-applikazzjoni sabiex jibbenefikaw għall-fondi tal-proġett propost. Is-Sinjorina Busuttil qalet illi matul is-Sajf 2016 kien hemm il-ħsieb li jiġu organizzati korsijiet minn *nutritionists*.

Is-Sur Joseph Bonnici staqsa f'hix kienet waslet l-applikazzjoni għal servizz ġdid tal-ilma fil-funtana tal-Għajn tal-Bħejjem. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kienet ser issir applikazzjoni ġdida. Is-Sur Bonnici talab sabiex il-Kunsill jagħmel ukoll applikazzjoni għal *meter* tad-dawl fil-bandli Ġnien Tamara Psaila fil-*Housing Estate*.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kienu qed jinġabru stimi sabiex isir xogħol ta' manutenzjoni fil-bandli Ġnien Tamara Psaila fil-*Housing Estate*.

Is-Sur Joseph Bonnici talab sabiex jittieħed ritratt uffiċċjali tal-Kunsill.

Is-Sur Joseph Agius qal illi ċerti xogħlijiet li kien talab kienu għadhom ma sarux fosthom li tiġi rranġata ħofra perikoluża li hemm fi Triq Wied il-Għajn u li tiġi rranġata bankina fi Triq Strickland. Is-Sur Joseph Agius talab lis-Sindku biex dawn isiru.

Is-Sur Joseph Agius talab sabiex tiġi rranġata tabella tan-*no parking* li hemm f'Misraħ San Ġakbu li tindika l-ħinijiet tas-suq fil-berah.

Is-Sur Joseph Agius semma l-bżonn li tiġi rranġata rampa li hemm fi f'Misraħ tal-Madonna Medjatriċi maġenb il-mużew tas-santwarju.

Is-Sur Joseph Agius talab sabiex jiġi rranġat l-arloġġ ta' Transport Malta li hemm fil-ex venda ta' Ħaż-Żabbar peress illi l-arloġġ mhux jaħdem.

Is-Sur Mark Grech staqsa jekk il-kuntrattur kienx ser jirranġa l-konkos ta' Triq il-Grazzji peress illi irriżulta li kien ta' kwalita inferjuri. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi minkejja li l-perit tal-Kunsill kien informa lill-kumpanija Vella Group Limited bir-riżultat tas-*sample* tal-konkos li ttiehed minn Triq il-Grazzji, il-kuntrattur baqa' ma hax azzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kienu ser jinżammu l-flus tar-*retention*.

Is-Sur Mark Grech semma l-bżonn li tiġi rranġata l-bankina li hemm fi Triq A Caligari ma' Triq l-Inhasa.

Is-Sur Mark Grech tkellem dwar ir-rampa ta' mat-taraġ li hemm quddiem il-Bank of Valletta fi Triq is-Santwarju peress illi kienet qed tingombra l-bankina għall-pubbliku l-aktar matul il-ġranet tal-festa meta l-Grupp tal-Armar iwaħħlu arblu quddiem il-*Bank of Valletta*. Is-Sur Grech qal illi minkejja li jitneħħa l-arblu tal-festa l-persuni li jagħmlu użu minn *wheelchair* ma jkunux jistgħu jgħaddu minn fuq il-bankina u għalhekk is-Sur Grech qal illi kien ressaq ilment formali permezz tal-*website* tal-Bank of Valletta sabiex minflok it-taraġ li hemm issir rampa sabiex tkun tista tiġi użati minn persuni b'diżabilità.

Is-Sur Joseph Agius (is-Sway) talab li ssir *zebra crossing* fi Triq ix-Xgħajra fil-viċinanzi tal-*Lantas Pet Shop*. Is-Sindku qal illi l-Kunsill għandu permess minn Transport Malta sabiex jagħmel *zebra crossing* fil-viċinanzi tal-*Polymer Pharmacy* iżda ma hemmx fejn issir *zebra crossing*. Is-Sindku issuġerixxa li jsiru żewġ *zebra crossing* fil-viċinanzi tal-flats li hemm maġenb il-*Bonta Confectionery*.

Is-Sur Joseph Agius (is-Sway) talab li ssir *road hump* fi Triq Santa Duminka. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi diġa kien hemm *road hump* fil-passat iżda kellha titneħħa fuq talba tar-residenti stess.

Is-Sur Joseph Agius (is-Sway) qal illi ħdejn il-Kulleġġ Santa Margerita Skola Primarja A Ħaż-Żabbar kien qed ikun hemm numru ta' kaxxi tal-kartun fit-triq.

Is-Sur Mark Grech talab sabiex jiġi rranġat il-ħadid li hemm fi Triq il-Kunvent maġenb l-iskola peress illi matul il-ġranet tal-festa kien hemm inċident tat-traffiku.

Il-laqgħa spiċċat fit-7.35 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fl-455 laqgħa li saret nhar it-Tnejn 19 ta' Ottubru, 2015.

Marc Vella Bonnici
Sindku